MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru 10/2009

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Philip Azzopardi**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-25 ta’ Marzu 2009 kontra Philip Azzopardi u Joseph Vella li permezz tiegħu l-istess Avukat Generali akkuża lill-istess Philip Azzopardi u Joseph Vella talli: (1) bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġuraw f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra; b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il- mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta; (2) xjentement, laqgħu għandhom jew ġiegħlu lil ħaddieħor li jilqa’ għandu persuni li kontra tagħhom ikun hemm ordni ta’ arrest għal reat suġġett għall-piena ta’ priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestahom għal dak ir-reat, jew li jkunu ħarbu wara li jkunu ġew arrestati għal dak ir-reat; (3) għad li ma jkunux lilhom fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport ta’ arrestati jew ta’ ikkundannati, għenu l-ħarba tagħhom jew kienu kompliċi fiha; (4) xjentement taw il-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta’ persuni akkużati b’delitt jew ta’ arrestati jew ta’ ikkundannati għal delitt, inkella ta’ persuni li jkunu taħt mandat ta’ arrest għal delitt, jew ta’ persuni li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta’ arrest;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att t’Akkuża; b’seba’ voti favur u żewġ voti kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond it-Tieni Kap ta’ l-Att t’ Akkuża; bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond it-Tielet Kap ta’ l-Att t’Akkuża; bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond ir-Raba’ Kap ta’ l-Att t’Akkuża; b’seba’ voti favur u żewġ

voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att t’Akkuża iżda mingħajr l-aggravanti li l-persuni mgħejjuna, assistita, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew ikunu l-mira tal-konġura kienu aktar minn tlieta; b’seba’ voti favur u żewġ voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond it-Tieni Kap ta’ l-Att t’Akkuża; b’seba’ voti favur u żewg voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond it-Tielet Kap ta’ l-Att t’Akkuża; u b’seba’ voti favur u żewġ voti kontra sabu lil Joseph Vella mhux ħati skond ir-Raba’ Kap ta’ l-Att t’Akkuża, iddikjarat lil Philip Azzopardi u Joseph Vella hatja talli:

(1) bejn is-17 u d-19 ta’ Lulju 2003 bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġuraw f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra; b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta; u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża. Fil-każ ta’ Joseph Vella minghajr dan l-ahhar aggravju;

(2) fit-8 ta’ Awwissu 2003, u fil-jiem ta’ qabel, xjentement, laqgħu għandhom jew ġiegħlu lil ħaddieħor li jilqa’ għandu persuni li kontra tagħhom ikun hemm ordni ta’ arrest għal reat suġġett għall-piena ta’ priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Eżekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestahom għal dak ir-reat, jew li jkunu ħarbu wara li jkunu ġew arrestati għal dak ir-reat; u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża;

(3) fit-8 ta’ Awwissu 2003 u fil-jiem ta’ qabel, għad li ma jkunux lilhom fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport ta’ arrestati jew ta’ ikkundannati, għenu l-ħarba tagħhom jew kienu kompliċi fiha; u dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża;

(4) u lil Philip Azzopardi waħdu ħati talli fit-8 ta' Awissu 2003, u fil-jiem ta' qabel, xjentement ta l-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta' persuni akkużati b'delitt jew ta' arrestati jew ta' ikkundannati għal delitt, inkella ta' persuni li jkunu taħt mandat ta' arrest għal delitt, jew ta' persuni li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta' arrest, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 23, 31(b)(c), 154, 156, 157, 158, 337(A) tal-Kodici Kriminali, wara li qieset l-assorbiment tal-kapi fejn jirrikorru, ikkundannat lill-ħati **Philip Azzopardi** għall-piena komplessiva ta' **sitt (6) snin priġunerija**, kif ukoll ikkundannat lil **Joseph Vella**, wara li qieset li ma nstabx ħati tar-raba' akkuża u li t-tieni u t-tielet kapi huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel kap, għall-piena komplessiva ta' **tmintax-il xahar priġunerija**, u dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll is-segwenti:

> **"Qieset li l-piena għar-reat li tiegħu nstab ħati Joseph Vella hija dik ta' priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta' €23,293.73 jew dik il-multa w priġunerija flimkien.**
>
> **"Qieset li l-piena għar-reat fil-konfront ta' Philip Azzopardi jikkonċerna għadd ta' persuni mgħejjuna li kienu aktar minn tlieta, l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi. Għalhekk f'dan il-każ mill-piena massima ta' ħames snin priġunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b)(iii)(iv)(v), il-piena massima titla` addirittura għal waħda ta' tnax-il sena jew multa ta' €23,293.73 jew dik il-multa w priġunerija flimkien.**
>
> **"Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiża.**
>
> **"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, għal Joseph Vella li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli Dr. Arthur Azzopardi għal Joseph Azzopardi u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, li jinsabu reġistrati u jistgħu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Philip Azzopardi ppreżentat fit-22 ta' Marzu 2011 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi, u f'każ li tikkonferma s-sentenza appellata u tinsab ħtija, li tvarja u timmodifika s-sentenza kwantu piena u tinfliġġi piena anqas u ekwa skond il-liġi;

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Vella ppreżentat ukoll fit-22 ta' Marzu 2011 fejn talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha kwantu r-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, u f'każ ta' konferma ta' ħtija dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża li tikkonferma li mhux applikabbli l-aggravanti li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew ikunu l-mira tal-konġura kienu aktar minn tlieta, u tirrevoka s-sentenza appellata fejn instabet ħtija dwar l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża, billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi, u f'każ li tikkonferma s-sentenza appellata u tinstab ħtija, li tvarja u timmodifika s-sentenza kwantu piena u tinfliġġi piena anqas u ekwa skond il-liġi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji kemm ta' l-appellant Philip Azzopardi (minn hawn 'il quddiem "l-appellant Azzopardi") kif ukoll ta' l-appellant Joseph Vella (minn hawn 'il quddiem "l-appellant Vella") huma fis-sens illi fil-kawża kien hemm irregolarita` kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, u inoltre illi huma ġew misjuba ħatja ħażin fuq il-fatti tal-kawża.

**7.** L-appellanti jilmentaw dwar ċerta rregolarita` matul il-proċedura illi, skond huma, kienet ta’ preġudizzju ghal-linji difensjonali tagħhom b’hekk illi l-ġurija ma setax ikollha quddiemha l-istampa sħiħa. Hekk, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-ħarba, id-difiża talbet li jsir aċċess fuq il-post fejn kienu detenuti l-klandestini, kif ukoll illi jiġi nġunt l-ex-assistent kummissarju Emmanuel Cassar sabiex jiddeponi dwar l-inkjesta interna li saret u r-rapport li probabilment sar. L-appellanti jilmentaw dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti ċaħdet dawn it-talbiet. Skond l-appellanti, bil-fatt illi l-ewwel Qorti ċaħdet li jitressqu provi dwar fatti li rriżultaw waqt il-ġuri, kienet qed tagħti *carte blanche* lil min jinvestiga illi jista’ faċilment jabbuża u jġib biss dawk il-provi illi jogħġbu jressaq hu. L-appellanti jilmentaw ukoll dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża biex isir aċċess fil-lukanda f’Marsalforn bl-iskop li turi illi ċerti allegazzjonijiet li għamlu uħud mix-xhieda kienu inveritjeri, u dwar iċ-ċaħda li jsir aċċess f’Baħar iċ-Ċaghaq fejn il-klandestini suppost instabu ġo vann. Inoltre l-appellant Azzopardi jilmenta dwar iċ-ċaħda ta’ l-ewwel Qorti li jsir aċċess f’garaxx mikri lilu sabiex jintwera li dak li qalu uħud mix-xhieda kien ukoll inveritjer.

**8.** Mill-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2011 jirriżulta illi d-difiża talbet: “illi qabel ma jsir l-istadju tagħha, il-Qorti tordna li jsir aċċess kemm id-Depot tal-Pulizija, il-Marsalforn Hotel, kif ukoll il-garaxx tal-Qawra u dana peress illi l-akkużati qed jiġu addebitati b’konnessjoni mal-ħarba u għalhekk huwa opportun li jiġi determinat u muri lill-ġurija kif saret. Kif ukoll jiġi aċċertat l-għamla u d-daqs tal-kmamar tal-Marsalforn Hotel fejn ġie allegat li nżammu l-klandestini. Titlob ukoll li jittella’ jixhed l-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar dwar ir-riżultanzi tal-investigazzjoni interna dwar l-istess ħarba.” Il-prosekuzzjoni opponiet illi jsiru dawn l-aċċessi “peress illi tqishom irrilevanti u ma jżidu xejn ma’ dak illi diġa` rriżulta mill-provi.”

**9.** B’digriet mogħti aktar tard fl-istess ġurnata, il-Qorti Kriminali ddisponiet illi “b’referenza għat-talba tad-difiża, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-istess difiża u prosekuzzjoni jidhrilha illi kemm l-aċċess[i] kif ukoll ix-xiehda ta’ l-

Assistent Kummissarju Emanuel Cassar huma superfluwi u rrilevanti u jservu biex itawlu inutilment dawn il-proċeduri u għalhekk tiċħad it-talba."

**10.** Fost id-dmirijiet tal-Qorti Kriminali hemm dak illi "trieġi s-smigħ tal-kawża" (art. 436(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali). Fid-dawl tal-provi li kienu tressqu mill-prosekuzzjoni, dik il-Qorti kellha għalhekk kull dritt tiddeċiedi kif iddeċidiet. In effetti l-mekkanika ta' kif saret il-ħarba ma setgħet titfa' l-ebda dawl ġdid fuq il-ħtija o meno ta' l-akkużati, kif lanqas id-daqs tal-kmamar fil-Marsalforn Hotel.

**11.** L-appellanti jgħaddu mbagħad biex jagħmlu numru ta' sottomissjonijiet dwar punti fl-indirizz ta' l-imħallef li ppresjeda l-ġuri illi, skond huma, setgħu influwenzaw lill-ġurija biex ma tifhimx eżattament x'kien mistenni minnha skond il-liġi:

- Fl-ewwel lok jgħidu illi għalkemm l-imħallef sedenti poġġa l-prinċipji bażilari ta' natura proċedurali quddiem il-ġurati, tali prinċipji, fil-fehma tagħhom, ma ngħatawx daqstant l-importanza enormi li għandhom u li solitament jingħataw f'indirizzi simili lill-ġurija. Jirreferu għal kliem l-imħallef li ppresjeda l-ġuri li fl-indirizz qal "fuq il-presunzjoni ta' l-innoċenza smajna biżżejjed" u "provi jridu jkunu *beyond a reasonable doubt*. Smajna wkoll fuq din."

- L-appellanti jgħidu illi dwar il-prinċipju tal-*hearsay evidence* l-imħallef li ppresjeda l-ġuri ma kienx daqstant ċar fil-vera sinifikat tiegħu. Jgħidu wkoll illi ma jistgħux jifhmu għaliex ingħataw bħala eżempji ta' provi indizjarji x-xibka fil-garaxx u l-vann f'Baħar iċ-Ċagħaq, meta dwar ix-xibka kien hemm xhud prodott mid-difiża li qal li kien jieħu żewġ persuni ta' karnaġġon skur sabiex jaħdmu x-xibka u xhud ieħor li qal li kien hemm xibka fil-garaxx (mela provi diretti). Anke dwar il-vann jgħidu li hemm il-klandestini li qalu li meta marru l-Pulizija fuqhom huma kienu fil-vann (allura hemm prova diretta wkoll). Għalhekk, skond l-appellanti, l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet "imma dawn iwassluk

għal konklużjoni waħda? Jew se jpoġġuk *at a tangent*? Dana intom tridu tarawhom, jiena ser intikom il-prinċipji biss"; u dan waddab lill-ġurija f'aktar konfużjoni.

- L-appellanti jilmentaw ukoll illi għalkemm l-imħallef li ppresjeda l-ġuri semma l-iskorrettezza tal-prosekuzzjoni li qalet li l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali ma jakkużax lin-nies jekk ma jkunx konvint li huma ħatja, ma kienx dirett fl-osservazzjoni li għamel iżda faħħar dak l-uffiċċju u qal li l-ġurat kien li ried jiġi konvint u mhux l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, u dak li kien qal l-avukat prosekutur kienet biss opinjoni tiegħu.

- Punt ieħor li jilmentaw dwaru l-appellanti hu l-mod kif l-imħallef li ppresjeda l-ġuri spjega l-kunċett ta' *beyond reasonable doubt* u kif il-ġurati kellhom jużaw "is-sens komun" tagħhom u jaslu għall-konklużjoni li verżjoni hija "verosimili". L-imħallef li ppresjeda l-ġuri stieden lill-ġurati jiddeċiedu a bażi tal-verosimiljanza, u anke jekk l-istorja "jkollha t-toqob".

- Rigward ix-xiehda tat-tmien klandestini, l-appellanti jgħidu illi l-ewwel Qorti spjegat kif dawn it-testimonjanzi l-ġurati jridu jarawhom b'ċerta lenti li jekk ikun hemm xi diffikultajiet biex jifhmu ċerti partijiet jew kif l-ismijiet tagħhom ġew miktuba, dawn iridu jattribwuhom għal dawn id-diffikultajiet, viz. li l-kliem ikunu kliem it-traduttur, li l-iskrivani jiddattilografaw dak li jkunu semgħu fuq *audio recording*, u li l-iskrivani jistgħu ma jkunux l-istess. Jilmentaw, iżda, li l-ewwel Qorti ma qalitx li dawn l-istess diffikultajiet kienu applikabbli anke lill-Pulizija. Lanqas ma daħlet fid-dettal dwar punti legali li għamlet id-difiża dwar in-nuqqas ta' *identification parade* u kif dokumenti li jintużaw għall-identifikazzjoni għandhom jiġu konservati u ppreżentati fil-proċess, kif ukoll li l-investigatur m'għandux juri biss ir-ritratti ta' persuni suspettati.

- L-appellanti jilmentaw ukoll illi meta l-ewwel Qorti daħlet fuq il-fatti, hija għażlet li ma tantx tikkummenta wisq u ma daħlitx fl-argumentazzjoni tad-difiża li dan kien każ fejn il-Pulizija ġabet biss il-provi li jaqblilha.

- Skond l-appellanti, ma kien hemm l-ebda utilita` li l-ewwel Qorti tipprova tfiehem lill-ġurati x-xogħol tad-difiża u in partikolari li tikkummenta li lid-difiża ma jinteressahiex jekk akkużat ikunx wettaq id-delitt jew le.

- Punti oħra li jsemmu l-appellanti huma (a) il-kwistjoni tal-provi mankanti li ma ġewx ippreżentati quddiemhom fejn il-Qorti, minkejja l-artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, qaltilhom li ma hemmx għalfejn jidħlu f'dak li ma ġiex ippreżentat quddiemhom; (b) il-kwistjoni tal-*communication breakdown* li wasslet biex ix-xhieda telqu minn Malta mingħajr kontro-eżami; (c) il-kwistjoni fejn skond l-indirizz ta' l-ewwel Qorti l-fatt li l-investigazzjoni għandha t-toqob huwa ħaġa pjuttost normali għax kull investigazzjoni fiha t-toqob.

**12.** L-ewwelnett jiġi rimarkat illi huwa faċli li jiġu kkritikati siltiet u frażijiet ta' indirizz, iżda, apparti li dawn iridu jiġu kkunsidrati fil-kuntest tagħhom, l-indirizz għandu jiġi kkunsidrat <u>fit-totalita` tiegħu</u> sabiex jiġi determinat jekk setax seħħ xi *"miscarriage of justice"*. Kif qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460): "**The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case…. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case."** U bħalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003, para. 7-53 p. 936): **"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced.**

**This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."**

**13.** Huwa minnu illi fil-każ in eżami l-indirizz li ta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien wieħed pjuttost qasir, iżda bla dubju ta' xejn wieħed bilanċjat. Fl-indirizz mhuwiex mistenni illi tissemma kull sottomissjoni, kif donnhom jippretendu l-appellanti, li tkun saret mid-difiża jew, naturalment mill-prosekuzzjoni. Lanqas ma hemm xi formula li trid tiġi segwita servilment ta' kif il-ġurati għandhom jiġu ndirizzati, purche` jiġu trattati dawk il-punti msemmija fl-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali. M'hemmx dubju illi f'xi partijiet minnu l-indirizz seta' kien aktar feliċi. Hekk, setgħet tingħata spjegazzjoni aħjar tal-kunċett ta' *hearsay evidence*. Inoltre l-ġurati għandhom jiġu indirizzati biex jużaw il-"buon sens" tagħhom u mhux is-"sens komun" (effettivament fl-indirizz saret referenza darba biss għas-"sens komun", għax wara l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rrefera għall-ħtieġa tat-tħaddim tal-*"buon sens"* tal-ġurati). Ukoll din il-Qorti ma tara l-ebda utilita` li l-Qorti tikkummenta li "għad-difiża ma jinteressahiex jekk l-akkużat, il-klijent, wettaqx jew le dak ir-reat li qed jiġi addebitat lilu". Di piu` l-appellanti għandhom raġun josservaw illi *beyond reasonable doubt* m'għandhiex tiġi ekwiparata mal-"verosimiljanza" – għalkemm fl-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri spjegaha bħala "qed jingħad il-verita`" u li "ġara hekk". Dan għaliex "verosimili" tfisser "likely", "probable",[1] u għalhekk mhux il-grad li trid tilħaq il-prosekuzzjoni.

**14.** Fl-istess ħin irid jingħad illi fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma xejjen xejn mis-sottomissjonijiet tad-difiża, inkluż dwar il-kwistjoni ta' l-*identification parade*. F'dar-rigward tajjeb li ssir referenza għal dak li kienet osservat din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar** mogħtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), li "skond il-liġi tagħna għall-identifikazzjoni ta' l-akkużat mhux neċessarja *identification parade*". Hija qalet ukoll:

[1] Anke "attendibbli", "kredibbli", plawsibbli".

> **"Dan il-punt ġie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawża 'Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas' deċiża fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li ġie ribadit dak li għadu kif ingħad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu ċertament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anki involontarjament, suġġestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'ċerti każijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jeħtieġ, jinġabru xi persuni, *piu` o meno* ta' l-istess eta` u klassi soċjali tad-detenut, li jkun jista' jieħu post fejn irid fosthom';**
>
> **M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u ċertament din il-preokkupazzjoni urietha diġa` din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re Il-Maesta` Tagħha r-Reġina vs Joseph Hallet* mogħtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'ċertament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li għalihom tista', in ġenerali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-każ li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti żiedet tgħid li 'il-Qorti ma taħsibx illi, għall-finijiet prattiċi tal-ħajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali għall-eżistenza ordinata stess tas-soċjeta`, dan jista' jiġi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jiġu evitati *miscarriages of justice*'."**

**15.** Fil-każ in eżami jidher illi l-proċess ta' identifikazzjoni sar billi l-Ispettur Jeffrey Cilia wera xi ritratti lill-immigranti rregolari. Isemmi tlieta li, sfortunatament ma ġewx esebiti f'dawn l-proċeduri. Dan pero` ma jfissirx li l-*identification parade* in kwistjoni tista' tiġi dikjarata bhala "illegali". Ifisser biss li l-proċedura li ntużat setgħet tinfiċja fuq l-attendibilita` ta' din il-prova meħuda waħedha. Ma jistax ma jiġix osservat, pero`, illi fl-Istruttorja l-immigranti irregolari identifikaw separatament min lil Philip Azzopardi u min lil Joseph Vella u min lit-tnejn. U l-ġurati setgħu jieħdu konjizzjoni ta' dan il-fatt ukoll. Naturalment hemm anke x-xiehda ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia stess li kien l-uffiċjal investigatur li uriehom ir-ritratti.

**16.** Inoltre, l-indirizz ma seta' jħalli l-ebda dubju f'moħħ il-ġurati dwar li kienu huma l-imħallfin tal-fatt u li kellhom jiddeċiedu a bażi biss tal-provi

prodotti. Huwa veru illi l-artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: "Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti." Ċertament kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif ipproċedew l-investigaturi u nuqqasijiet fir-rigward ta' x'provi tressqu jew ma tressqux. Dawn kollha nġabu a konoxxenza tal-ġurati mid-difiża u saret referenza għalihom mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. Naturalment ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellanti milli jelenkaw bħala xhieda tagħhom dawk ix-xhieda li kien jidhrilhom li kienu importanti u ma kinux ittellgħu mill-prosekuzzjoni. Imbagħad, filwaqt illi hija ħasra li kien hemm *"breakdown in communication"* dwar numru ta' xhieda barranin illi telqu minn Malta mingħajr ma sarilhom kontro-eżami, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fiż-żminijiet qabel ma telqu minn Malta, l-appellanti setgħu jużufruwixxu ruħhom mill-artikolu 405(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jitolbu li dawn jerġgħu jinstemgħu. Barra minn hekk, fil-każ ta' almenu tnejn minnhom (Shishay Asefoen Dasta fis-26 ta' Awissu 2003 u Adam Ismail Abdallah fid-29 ta' Awissu 2003) sar kontro-eżami dettaljat.

**17.** Fil-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti sejra tagħmel dwar l-apprezzament tal-provi, hija se żżomm quddiem għajnejha dawn il-fatturi li ssemmew fil-paragrafi preċedenti.

**18.** L-appellant Azzopardi jgħaddi mbagħad biex jagħmel xi sottomissjonijiet dwar punti ta' dritt rigwardanti l-elementi tad-delitti li bihom huwa ġie akkużat. Dwar <u>l-Ewwel Kap</u> jgħid illi l-ewwel Qorti naqset milli tidħol fis-sottomissjonijiet li għamlet id-difiza dwar l-element li l-iskop tat-traffikar ta' persuni hu li persuna toħroġ jew tagħmel tentattiv biex toħroġ persuna minn Malta. Jgħid ukoll, dwar l-element ta' konġura, illi ma hemm l-ebda prova li huwa għamel xi ftehim ma' xi ħadd ieħor li bih iddeċidew li jħarrbu minn Malta lil dawn l-immigranti rregolari. Dwar <u>it-Tieni Kap</u> jgħid illi l-partijiet qablu dwar l-elementi kostitutivi ta' dan id-delitt, cioe` r-riċettazzjoni ta' delinkwenti. Jgħid illi għall-finijiet ta' dan id-delitt, il-fatt li jiena nilqa' għandi jew inġiegħel lil ħaddieħor jilqa' għandu tali persuni, ma jfissirx illi jiena qiegħed nittraffika jew qiegħed b'xi mod realment irrid noħroġ lil dak li jkun barra minn Malta kontra

l-liġi. Ukoll, trid teżisti l-prova illi jien inkun naf li jkun hemm ordni ta' arrest jew li l-pulizija tkun qed tfittex biex tarresta jew inkun naf li l-persuna tkun ħarbet u tkun arrestata għal dak ir-reat. Fil-każ *de quo*, skond l-appellant, ma nġabet l-ebda prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni illi anke jekk wieħed jaċċetta t-teżi tal-klandestini, li din l-informazzjoni huma tawha lil min kien qed jilqagħhom għandu. Dwar <u>it-Tielet Kap</u> l-appellant jgħid illi l-ġurati ġew skorrettement indirizzati dwar l-applikabilita` ta' l-artikolu 156 tal-Kodiċi Kriminali għal dan il-każ. Dwar <u>ir-Raba' Kap</u> jgħid illi l-ewwel Qorti naqset milli tagħti l-interpetazzjoni tal-kelma "mezz" fl-akkuża u b'hekk ħalliet lill-ġurati jiddeċiedu dwar punt legali.

**19.** Dwar <u>l-Ewwel Kap</u>, mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz effettivament jirriżulta illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri semma s-sottomissjoniiet tad-difiża. L-appellant Azzopardi ma jistax jippretendi illi f'indirizz l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri isemmi kelma b'kelma dak kollu li jkunu qalu d-difiża u l-prosekuzzjoni. Fir-rigward tat-<u>Tieni Kap</u>, l-ispjegazzjoni ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kienet korretta, u difatti l-appellant Azzopardi ma jilmentax b'xi skorrettezza fir-rigward. Dwar <u>it-Tielet Kap</u>, l-ewwel Qorti qalet: "F'dan il-Kap il-post tad-delitt huwa meqjus li kien Bahar ic-Caghaq fejn hemmhekk kellu jigi kkunsmat [id-delitt] b'dawn il-klandestini li nsifruhom minn barra xtutna." Li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ġiex spjegat sew huwa li r-referenza għal "ħarba" fit-Tielet Kap kienet referenza għall-ħarba mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Kwantu għar-<u>Raba' Kap</u>, b'dak li spjega l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dettami tal-liġi ġew sodisfatti.

**20.** L-appellant Vella wkoll jagħmel xi sottomissjonijiet dwar punti ta' dritt rigwardanti l-elementi tad-delitti li bihom huwa ġie akkużat. Dwar <u>l-Ewwel Kap</u> jgħid fir-rigward ta' l-element ta' konġura illi dak li jirriżulta, jekk wieħed jasal biex jaċċetta t-teżi tat-tliet immigranti li qalu li kienu ttieħdu fil-lukanda tiegħu, hu biss fl-aħjar ipoteżi li kienu qegħdin jinħbew fil-lukanda tiegħu u għalhekk ir-reat skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża u mhux dak taħt l-Ewwel Kap. Barra minn hekk, jgħid l-appellant Vella, biex javvera ruħu t-tielet element, l-iskop li wieħed joħroġ jew jagħmel tentattiv biex joħroġ persuna minn Malta irid ikun

wieħed reali. Peress illi ma jirriżultax li kien hemm il-mezz biex jinħarġu minn Malta, allura semmai jista’ jkun hemm kompliċita` fid-delitt ta’ truffa u mhux dak ta’ traffikar ta’ persuni. Ġaladarba l-appellant Vella ma nstabx ħati tar-Raba’ Kap, kif seta’ jittraffika f’dawn il-persuni meta kien hemm l-impossibilita` li dan it-tielet element jiġi sodisfatt? Dwar it-Tieni Kap jgħid illi l-partijiet qablu dwar l-elementi kostitutivi ta’ dan id-delitt, cioe` r-riċettazzjoni ta’ delinkwenti. Jgħid illi għall-finijiet ta’ dan id-delitt, il-fatt li jiena nilqa’ għandi jew inġiegħel lil ħaddieħor jilqa’ għandu tali persuni, ma jfissirx illi jiena qiegħed nittraffika jew qiegħed b’xi mod realment irrid noħroġ lil dak li jkun barra minn Malta kontra l-liġi. Ukoll, trid teżisti l-prova illi jien inkun naf li jkun hemm ordni ta’ arrest jew li l-pulizija tkun qed tfittex biex tarresta jew inkun naf li l-persuna tkun ħarbet u tkun arrestata għal dak ir-reat. Fil-każ *de quo*, skond l-appellant, ma nġabet l-ebda prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni illi anke jekk wieħed jaċċetta t-teżi tal-klandestini, li din l-informazzjoni huma tawha lil min kien qed jilqagħhom għandu. Dwar it-Tielet Kap l-appellant jgħid illi l-ġurati ġew skorrettement indirizzati dwar l-applikabilita` ta’ l-artikolu 156 tal-Kodiċi Kriminali għal dan il-każ.

**21.** Kif diġa` ntqal, wieħed mill-aggravji ta’ l-appellanti hu li nstabu ħati ħażin fuq il-fatti tal-każ. Jgħid illi “meta min qiegħed jinvestiga jogħġbu biss joqgħod fuq dak biss li suppost qed jgħidulu dawn il-klandestini, dejjem jekk qaluhulu huma u ma kienx suġġerit lilhom għal xi skop minn terza persuna, min qed jiġġudika fuq il-fatti ma għandux ħlief xelta illi jew jaċċetta *a bocca baciata* dak li jogħġbu jippreżenta fuq il-platt l-investigatur, jew inkella fl-umli fehma tal-esponenti, stradat sew, kellu jara s-segwenti: (a) fl-ewwel lok, anke jekk wieħed jaċċetta t-teżi *a bocca baciata* tal-klandestini, il-provi ma jwasslux biex il-ġudikant leġittimament u raġjonevolment jasal għall-prova illi wieħed jagħmel tentattiv biex joħroġ minn Malta jew ossia jikkonġura biex ikun hemm tali ħruġ ma’ persuni oħra; u (b) illi leġittimament u raġjonevolment dak li allegaw it-tmien (8) klandestini fil-konfront tal-akkużat Philip Azzopardi inissel dubju raġjonevoli li ma għandux iwassal għall-ħtija misjuba.”

**22.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[2] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti, l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, u r-rikorsi ta' appell. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-osservazzjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) Huwa inkontestat li bejn is-17 u d-19 ta'Lulju 2003 ħarbu erbgħa u ħamsin immigrant irregolari mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn kien hemm post ta' detenzjoni. Fit-8 ta' Awissu 2003 uħud minnhom ġew arrestati f'Baħar iċ-Ċaghaq flimkien ma' immigranti rregolari oħra. Dwar il-mekkanika tal-ħarba mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ma ġewx prodotti provi, salv għal dak li xehdu uħud mill-immigranti li ħarbu, iżda fil-fehma ta' din il-Qorti tali provi ma kinux neċessarji.

(ii) Il-prosekuzzjoni, biex tipprova l-akkużi dedotti, bażikament straħet fuq ix-xiehda li ngħatat minn tmien immigranti rregolari li dwarhom l-appellanti jgħidu li l-Pulizija ma ġabet l-ebda prova li kienu minn dawk li ħarbu mill-Kwartieri Ġenerali, u li probabilment ħassew li għandhom jaċċettaw li kienu uħud minn dawk li ħarbu biex b'hekk ikun aktar faċli għalihom li jakkwistaw, kif

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

akkwistaw, *travelling document* li bih setgħu jmorru fi kwalsiasi pajjiż ta' l-Unjoni Ewropeja. Filwaqt illi huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova dokumentarja li l-immigranti rregolari in kwistjoni kienu minn fost dawk il-maħruba, dak li qegħdin jissuġġerixxu l-appellanti dwar ir-raġuni għaliex xehdu kif xehdu huwa biss konġettura, jew almenu sempliċement fir-relm tal-possibbli u mhux tal-probabbli.

(iii) Sakemm ġie ċċelebrat il-ġuri, l-immigranti rregolari li xehdu fl-Istruttorja kienu telqu minn Malta u għalhekk inqrat lill-ġurati x-xiehda li huma kienu taw fl-Istruttorja. Jiġifieri l-ġurati ma kellhomx l-opportunita` li jaraw u jisimgħu lil dawn ix-xhieda. Pero` kellhom l-opportunita` li jaraw u jisimgħu, fost oħrajn, liż-żewġ appellanti, u b'hekk kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tagħhom, u jieħdu konjizzjoni "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9),

(iv) Shishay Asefoen Dasta identifika lill-appellant Philip Azzopardi bħala l-persuna li ġabret lilu u tliet fuġġitivi oħra minn ħdejn il-lukanda Phoenicia. Qal li lilu u ieħor jismu Ahmed ħallihom x-Xemxija Bay Hotel imbagħad mar għalihom jumejn wara flimkien ma l-appellant Joseph Vella u ħaduhom il-Marsalforn Hotel fejn sabu tnax-il persuna oħra. Ġurnata minnhom l-appellant Azzopardi mar għal dawk it-tnax-il persuna u lil Dasta qallu li lilu u lill-fuġġitiv l-ieħor kien se jmur għalihom l-għada. Wara xi erbat ijiem nġabu żewġ persuni oħra. Meta kienu l-lukanda l-appellant Vella kien iġibilhom l-ikel filgħodu u xi nofs-il lejl isaffrilhom biex jinżlu jieklu fir-*restaurant*. Darba l-appellant Vella qalilhom li l-appellant Azzopardi kien ġie arrestat, iżda wara xi jumejn l-appellant Vella qalilhom li l-appellant Azzopardi kien ħareġ. Ġurnata minnhom marret għalihom persuna b'vann, ċempel lil xi ħadd u ġiet dgħajsa għalihom li fiha kien hemm ukoll raġel u mara u ħaduhom max-xatt ta' Malta fejn kien hemm vann jistennihom. Għaddew għal xi nies oħra, inkluż tfal. Imbagħad iltaqgħu ma' l-appellant li ġabar il-flus mingħandhom. Huwa tah $900. Reġgħu telqu bil-vann, waqaf f'xi niżla għall-baħar, niżlet il-mara li kienet ġiet għalihom

u r-raġel baqa' nieżel bil-vann, waqaf, tefa' d-dawl u niżel. Wara ftit ħarab u waslu l-Pulizija.

(v) Ahmed Mohammed Omar kien il-persuna li x-xhud Dasta jindika bħala "Ahmed". Huwa wkoll identifika lill-appellant Azzopardi bħala l-persuna li marret għalihom minn ħdejn il-Phoenicia. Bażikament imbagħad jikkonferma x-xiehda ta' Dasta, ħlief illi jgħid illi kien l-appellant Azzopardi li mar għalihom l-ewwel lukanda biex ħadhom Għawdex, u ma jgħidx illi kien akkompanjat. Jgħid, pero`, illi l-appellant Vella u persuna oħra żgħira fl-eta` kienu jipprovdulhom l-ikel. Jgħid ukoll li l-appellant Vella qalilhom li l-appellant Azzopardi kien ġie miżmum għal jumejn. Lill-appellant Azzopardi ħallas $1,050. Dawn il-flus ħallashom biex jaħarbu għall-Italja. Niżlu mill-vann biex ifittxu d-dgħajsa biex jitilqu iżda nqabdu mill-ewwel.

(vi) Adam Ismail Abdallah xehed illi wara li ħarbu mid-Depot, marru ħdejn il-lukanda Meridien u wieħed ċempel lil persuna jisimha Philip. Tfaċċa l-appellant Azzopardi li ħa ħames persuni u rritorna għal ħamsa oħra. Ħadhom fi flat u l-istess appellant Azzopardi rritorna għall-oħrajn u hu baqa' disat ijiem waħdu. L-appellant Azzopardi imbagħad mar għalih u kellu miegħu ħabib tiegħu Tork u ħadhom f'lukanda Għawdex fejn kien hemm diġa` żewġ persuni. Darba minnhom filgħaxija mar persuna għalihom l-erbgħa u ħadhom f'xatt il-baħar biex jirkbu dgħajsa għal Malta fejn rikbu vann (li x-xhud jirreferi għalih bħala "*bus* abjad żgħir") u daru xi postijiet għal nies oħrajn. Waqfu ħdejn il-baħar iżda l-Pulizija ġew fuqhom mill-ewwel. Lill-appellant Azzopardi huwa ħallsu $1,050 biex ikun jista' jitlaq lejn l-Italja, u l-ħlas sar permezz ta' ħuh li kien joqgħod il-Ġermanja u li ttrasferixxa l-flus lill-istess Azzopardi.

(vii) Adel Resaq Isam Eddin xehed illi wara li ħarab mid-Depot mar ma' oħrajn ħdejn il-Meridien. Magħhom kien hemm wieħed jismu David li qal li kellu ħabib tiegħu li seta' jkellmu biex isifirihom. Dan David ċempel lil xi ħadd u wara ċertu ħin tfaċċa l-appellant Azzopardi u telgħu miegħu hu u ħabib tiegħu jismu Motasen Ibrahim. Ħadhom f'garaxx vojt li hu identifika bħala dak li jidher fir-

ritratti esibiti a fol. 45 tal-proċess. Wara xi siegħa jew siegħa u nofs l-appellant Azzopardi ħa persuna oħra bl-isem ta' Ines iżda x-xhud ma kienx ċert mill-isem. Fil-garaxx kien hemm qisha xibka tal-ħadid. Kull jumejn jew tlieta kien imur l-appellant Azzopardi jeħdilhom l-ikel. Għall-flus kien ċempel lil ħuh Fl-Italja minn *telephone box* biex jibgħathom f'kont ta' l-appellant Azzopardi. Fil-garaxx damu xi għoxrin ġurnata. Darba minnhom f'xid-9.00 p.m./10.00 p.m. marret waħda mara għalihom u magħha kellha xufier isuq vann. Fil-vann diġa` kien hemm xi nies oħra u waqfu għal familja. Wara xi ħames minuti reġgħu waqfu u ra lill-appellant Azzopardi li miegħu kien hemm tfajla mit-Turkija u xi ħadd ieħor li meta telgħu x-xhud saqsieh minn fejn kien u qallu mill-Iraq. Telqu mill-post u meta reġgħu waqfu x-xufier ċempel bil-*mobile.* Ix-xhud saqsieh x'ġara u x-xufier wieġbu li kien qiegħed jistenna lil Philip. Tfaċċa l-appellant wara xi ħames minuti u talab il-flus lil min kien għadu ma ħallasx. Kien hemm erba' persuni li qamu u ħallsu u t-tfajla Torka qaltlu li tħallas meta titla' fuq id-dgħajsa. Skond ix-xhud: "Kien iddejjaq ħafna Philip." Meta telqu, wara li kellmuha x-xufier u l-mara li kienet miegħu, din it-tfajla Torka ħarġet il-flus u tagħthomlhom. Wara ftit il-vann waqaf u niżlet il-mara li kienet max-xufier. Imxew xi mitejn metru u x-xufier f'daqqa waħda waqqaf il-vann u fetaħ il-bieb tiegħu. "Kien jidher li hu nkwetat id-driver." Wara li waqaf, ix-xufier niżel u meta min kien fil-vann tella' rasu, sabu ħafna pulizija. Ix-xhud qal li hu ħallas $750 biex jaħrab lejn l-Italja, u meta lmenta ma' l-appellant Azzopardi dwar l-ikel, dan irrefera għall-fatt li kien ħallas biss $750 li mhux biżżejjed għax suppost aktar minn hekk.

(viii) Mutasin Atabdila Ibrahim xehed li wara li ħarab mid-Depot u spiċċa fil-ġnien tal-Meridien fejn kien hemm nies oħra li kienu ħarbu. Kien hemm xi tnejn li kienu jafu lil xi ħadd bl-isem ta' "Philip" u ċemplulu u wara xi ħin tfaċċa l-appellant. Lilu u lil Isam ħadhom f'garaxx f'San Pawl. Wara ftit ġab ieħor jismu Ines u xi oħrajn. Hu, Isam u Ines damu 21 ġurnata fil-garaxx, imma Isam kien ħareġ u reġa' ġie. L-għada li l-appellant Azzopardi ħadhom fil-garaxx kien mar isaqsihom jekk ridux imorru l-Italja u weġbuh fl-affemattiv. Staqsiehom jekk kellhomx flus iżda hu ma weġibx. Sadattant kien imur itihom xi ħaġa ta' l-ikel kull tlett ijiem. Wara wieħed u għoxrin ġurnata marru għalihom xufier u tfajla. Ix-xufier aċċetta li jitla' magħhom u jħallieh f'xatt-il baħar kif talbu x-xhud.

Waqfu biex jiġbru familja, u waqfu wkoll għal tfajla u raġel. Kull darba ra lill-appellant Azzopardi. Imbagħad waqfu post ieħor fejn l-appellant Azzopardi ħa l-flus lil dawk li kienu fil-vann u qasam bejnu u x-xufier. Wara ċertu ħin tfaċċaw il-Pulizija.

(ix) Jamal Jousef Mohammed Ahmed xehed illi wara li ħarab mid-Depot kien hemm xi ħadd ieħor li ukoll kien ħarab u ċempel lil wieħed "Philip" li x-xhud identifika bħala l-appellant Philip Azzopardi li mar fejn il-Meridien u ħa lilu u tliet persuni oħra fil-lukanda Xemxija. Damu fil-lukanda xi tmintax jew dsatax-il ġurnata. L-appellant Azzopardi qal li se jtihom a*ccount number* biex ikunu jistgħu jibagħtu l-flus – biex ikunu jistgħu jmorru l-Italja – f'dak il-kont. In-numru eventwalment tahulhom min jaħdem fil-lukanda. *Transfer* ma leħaqx sar għax ma kellux iċ-ċans li jċempel lill-ħabib tiegħu fl-Italja għax ġew il-Pulizija u ħaduhom id-Depot.

(x) Ashifi Tarek xehed illi wara li ħarab mid-Depot, wieħed jismu David li kien ħarab ukoll, kien ċempel lil xi ħad jismu "Philip" u kien mar għalihom l-appellant Philip Azzopardi li huwa identifika fl-awla. Dan mar għalihom u lilu u tlieta min-nies oħra ħadhom ġo lukanda. Kien ftiehem ma' l-appellant li jħallas $800 biex iħarrbu lejn l-Italja. Kien ftiehem miegħu biex jinżel ir-*reception* ħalli jtuh in-numru tal-kont. Fil-fatt huwa ngħata dan in-numru mir-*reception desk*. Ahmed (referenza għax-xhud Ahmed Mohammed Omar) u Xexen (referenza għax-xhud Shishay Asefoen Dasta) ħallsu u f'jumejn telqu mil-lukanda. Hu baqa' jistenna li jibagħtulu l-flus iżda wara xi għoxrin ġurnata tfaċċaw il-Pulizija li ġabru lilu u lil Jamal (referenza għax-xhud Jamal Jousef Mohammed Ahmed).

(xi) Almas Jonas xehed li wara li ħarab mid-Depot mar ħdejn il-lukanda Meridien, xi ħadd ċempel lil wieħed Philip li mar għalihom. Identifikah bħala l-appellant Philip Azzopardi. Dan ħadhom ġewwa garaxx. Miegħu kien hemm wieħed jismu Osam (referenza għax-xhud Adel Resaq Isam Eddin) u ieħor Matasan (referenza għax-xhud Mutasin Atabdila Ibrahim). Ix-xhud għaraf ir-ritratti a fol. 45 bħala dawk tal-garaxx li kienu fih. Kienu qegħdin jistennew

hemm biex jaħarbu lejn l-Italja. Huwa ħallas Lm300 lill-appellant Azzopardi. F’xis-7 jew 8 ta’ Awissu kienu marru għalihom raġel u mara b’vann. Meta kienu fuq il-blat l-appellant kien ġabar xi flus mingħand in-nies l-oħra. Wara ftit minuti ġew iċċirkondati mill-Pulizija.

(xii) Joseph Attard, sid il-garaxx, ikkonferma li l-garaxx in kwistjoni kien krieh lill-appellant Philip Azzopardi.

(xiii) Huwa minnu li l-appellanti ċaħdu l-involviment tagħhom, imma fid-dawl ta’ dawn il-provi, il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu li l-appellanti kienu verament involuti f’konġura sabiex jinħarġu minn Malta numru ta’ immigranti irregolari (l-Ewwel Kap) u li laqgħu għandhom numru minn dawn l-immigranti irregolari li kienu jafu li kienu maħrubin (it-Tieni Kap). Kwantu għat-Tielet Kap, li jirrigwarda l-ħarba minn post ta’ detenzjoni, setgħu wkoll jikkonkludu li l-appellant Azzopardi kien kompliċi fil-ħarba ta’ uħud mill-immigranti rregolari billi pprovdhielhom it-trasport biex jgħinhom fil-ħarba tagħhom. Fir-rigward ta’ dan it-Tielet Kap, ma jirriżultax illi l-appellant Vella kien involut. Għal dak li jirrigwarda r-Raba’ Kap, fil-konfront ta’ l-appellant Azzopardi, il-ġurati evidentement ikkonkludew li l-appellant Azzopardi kien ħati wkoll skond dan ir-Raba’ Kap peress illi deher ċar li kien hu li kien qiegħed jorganiżża kollox u l-immigranti rregolari kienu ttieħdu f’xatt il-baħar proprju biex jitilgħu fuq opra tal-baħar biex jitilqu lejn l-Italja. Minn dak li xehdu uħud mill-immigranti rregolari kien l-istess appellant Azzopardi li qallhom li kien hemm dgħajsa li kienet se teħodhom. Per eżempju mix-xiehda ta’ Shishay Asefoen Dasta jirriżulta li kien l-appellant Azzopardi stess li qallu, wara li ħadlu l-flus, li “għaxar minuti oħra ħa tkun lesta d-dgħajsa”. Ara wkoll ix-xiehda ta’ Adam Ismail Abdallah. Il-ġurati setgħu raġjonevolment u legalment jikkonkludu li bil-fatt li ma nqabdet l-ebda dgħajsa ma jfissirx illi ma kienx hemm dgħajsa iżda dan kien biss għax kienu intervjenew fil-pront il-Pulizija, u għalhekk ħadu d-diskors ta’ l-appellant Azzopardi bħala ammissjoni da parti tiegħu.

**23.** L-aħħar aggravju ta' l-appellanti hija dwar il-piena li jqisu kellha tkun aktar miti. Jirreferu għall-pieni li ngħataw f'numru ta' kawżi oħra biex isostnu l-punt tagħhom illi l-piena hawn kienet aktar qawwija. Jirreferu għat-trapass taż-żmien minn meta seħħ il-każ sa meta ġie ċċelebrat il-ġuri. It-tnejn spiċċaw bi problemi ta' saħħa. Ix-xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni leħqu telqu minn Malta u b'hekk ma setax isir kontro-eżami waqt il-ġuri. L-appellant Azzopardi jgħid illi għandu jittieħed kont ta' l-eta` tiegħu u li r-reati li jirriżultaw mill-fedina penali tiegħu huma biss *administrative crimes*.

**24.** Kwantu għall-piena fir-rigward ta' l-appellant Azzopardi, m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Biss biss il-piena dwar l-Ewwel Kap hi dik ta' priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, b'dan illi stante li l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel kien ta' aktar minn tlieta, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi. Dan ifisser li l-piena minima ta' priġunerija dwar l-Ewwel Kap hi ta' seba' xhur u dik massima hi ta' tnax-il sena. L-eta` ta' l-appellant Azzopardi hi dik li hi, jiġifieri kien matur biżżejjed biex jirrejalizza li ma kellux jidħol f'avventura bħal din. Kwantu għall-problemi ta' saħħa dawn jistgħu jiġu trattati fil-Faċilita` Korrettiva. Dwar li leħqu telqu minn Malta ix-xhieda prinċipali, din il-Qorti diġa` kkummentat *supra* (para. 16). B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Inoltre t-traffikar ta' persuni huwa reat serju u bħala tali l-piena għandha tkun adegwata biex tibgħat messaġġ ċar li ma jistax jiġi tollerat bl-ebda mod.

2**5.** Fir-rigward ta' l-appellant Vella l-piena hi wkoll fil-parametri tal-liġi. Il-piena applikabbli fil-każ tiegħu dwar l-Ewwel Kap hi dik ta' priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Dwar il-punti l-oħra sollevati minnu, issir referenza għal dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti. Issa, bħalma kkonkludiet din il-Qorti f'paragrafu 22(xiii) l-

appellant Vella ma kellux jinstab ħati tar-reat kontemplat fit-Tielet Kap. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti mponiet il-piena ta' tmintax-il xahar wara li qalet li t-Tieni u t-Tielet Kapi huma kompriżi u nvoluti fl-Ewwel Kap.

Għaldaqstant ma hemmx lok ta' temperament fil-piena.

**26.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, fir-rigward ta' l-appellant Philip Azzopardi tiċħad l-appell tiegħu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, filwaqt illi fir-rigward ta' l-appellant Joseph Vella tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dik l-akkuża u minnha tilliberah, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------